IL-ĦAJJA f'Għawdex

SERVIZZ SPEĊJALI SAJF 2008



# "EJJA.."

## BIEX INFAKKRU ĠRAJJA TA' MĦABBET MARIJA 125 SENA ILU FI GŻIRITNA

1883 - 2008




*Joseph W. Psaila jintervista lil* **Dun Gerard Buhagiar**
*Rettur tas-Santwarju Ta' Pinu*

### Għaddew 125 sena mis-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu. Dun Gerard, x' inhu l-messaġġ ta' din is-sejħa?

Kif insibu fil-Konċilju Vatikan II, "għalkemm ittellgħet fis-sema, Marija ma telqitx minn taħt idejha l-ħidma għas-salvazzjoni tagħna...fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f' dawk l-aħwa ta' Binha li fi triqthom lejn is-sema għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet..." (ara *Lumen Gentium*, 62) u nistgħu ngħidu li d-dehriet u s-sejħat tal-Madonna approvati mill-Knisja Universali jew mill-Knejjes lokali, huma parti minn din il-ħidma tagħha favur il-bnedmin. Kien nhar it-22 ta' Ġunju 1883 għall-ħabta ta' l-għaxra ta' fil-għodu, Marija Mtellgħa fis-Sema, meqjuma fil-kappella Ta' Pinu, sejħet lil Karmni Grima, xebba twajba mill-Għarb, u talbitha tirreċita tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlitt ijiem li ġisimha dam fil-qabar qabel ġie meħud fis-sema. Fl-istess żmien, il-Madonna semmgħet leħinha wkoll lil Franġisk Portelli, ġuvni mill-Għarb, u talbitu jkun devot tal-pjaga l-moħbija li sofra Ġesù fi spallejh konsegwenza tas-salib li ġarr sa fuq il-kalvarju. Staqsejtni x'messaġġ tixtieq twasslilna l-Madonna permezz ta' dawn is-sejħat. Jien naħseb li l-messaġġ li joħroġ minn din il-ġrajja huwa messaġġ doppju: l-ewwelnett, li wara din il-ħajja li tispiċċa bil-mewt hemm ħajja oħra u t-tieninett li t-tbatija u s-salib, għalkemm ma nifhmuhomx, meta magħqudin mat-tbatija u s-salib ta' Ġesù jistgħu jħallu ħafna frott, kemm għall-individwu nnifsu kif ukoll għall-proxxmu tiegħu.

### Din is-sejħa li saret mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, kemm għad għandha rilevanza llum?

Qegħdin ngħixu f' dinja materjalista, edonista u sekolarizzata. Il-bniedem tallum jaħseb li jista' jkollu valur jekk kapaċi jipproduċi, jekk jaqla' l-flus, jekk ikollu xi jberbaq biex jgħix fil-kumdità. Il-bniedem tal-lum jeżalta l-pjaċir u jitwerwer quddiem it-tbatija, quddiem is-salib u eventwalment quddiem it-tmiem tal-ħajja tiegħu fuq l-art. Però t-tbatija u l-mewt kienu, għadhom u jibqgħu realtajiet li ma nistgħux naħarbu minnhom. Hemm imbagħad il-ħajja wara l-mewt, soltu nsejħulha l-ħajja ta' dejjem. Il-bniedem ma jitwelidx biex jgħix ħamsin, sebgħin, disgħin sena...iżda għal dejjem. Għalhekk ngħid li l-messaġġ li joħroġ mis-sejħat tal-Madonna ta' Pinu għadu validu u rilevanti ferm iktar minn qatt qabel!

### Liema huma l-aktar dati sinifikattivi fl-istorja tas-Santwarju Ta' Pinu?

Fost l-aktar importanti insemmi, t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tas-Santwarju li saret fit-30 ta' Mejju 1920 mill-Isqof Camilleri u mbagħad il-konsagrazzjoni tas-Santwarju li saret mill-Isqof Mikiel Gonzi nhar it-13 ta' Diċembru 1931. Ta' min jgħid li fis-









sena 1931 fil-Knisja Kattolika kien qed jiġi ċċelebrat il-ħmistax-il ċentinarju tal-Konċilju ta' Efesu. L-isqof Gonzi ried li bħala ċelebrazzjoni tad-Djoċesi li tfakkar dan iċ-ċentinarju kellha tkun il-konsagrazzjoni tas-Santwarju Ta' Pinu: "Sabiex nagħmlu iktar solenni ċ-ċelebrazzjoni ċentinarju u noffru lil Marija omaġġ pubbliku ta' fidi u devozzjoni tad-djoċesi kollha, ħadna deċiżjoni li matul is-sena korrenti, ninawguraw u nifthu għall-kult, it-tempju li qed jinbena mas-santwarju djoċesan tal-Verġni "Ta' Pinu"." (Pastorali u Ċirkolari Nru. 80, 1931).

Data oħra għażiża bla dubju ta' xejn hija dik ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu li saret mid-delegat tal-Papa Piju XI, il-Kardinal Enrico Maria Lepicier tal-Ordni tas-Servi ta' Marija, u li saret nhar il-20 ta' Ġunju 1935.

Iżda żgur li l-aktar waħda importanti, bla dubju ta xejn hija il-Miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II. L-ewwel Papa li żar il-gżejjer Maltin, kellu jiċċelebra l-ewwel quddiesa fil-gżejjer tagħna propju fis-Santwarju Ta' Pinu. Kien fit-tmiem din iċ-Ċelebrazzjoni li il-Qdusija Tiegħu għoġbu jonora lill-Madonna Ta' Pinu billi kien hu nnifsu li poġġa madwar ir-ras tal-Madonna Ta' Pinu ħames stillel tad-deheb. Ta min ifakkar ukoll il-Kungressi Internazzjonali, dak Marjologiku u dak tas-Saċerdoti li lkoll sabu l-qofol tagħhom b'ċelebrazzjoni fis-Santwarju Ta' Pinu.

### Fil-gżejjer tagħna, kemm għadha ħajja d-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu?

Jien nara li d-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu, mhux biss għadha ħajja imma naħseb li żdiedet. Il-pellegrini Għawdxin u Maltin, kif ukoll barranin ma jaqtgħu xejn, speċjalment fil-ħdud matul is-sena u fl-erbgħat bi preparazzjoni għas-solennita' ta' Marija Mtellgħa fis-sema. F' dawn l-erbgħat, imsejħin ta' Santa Marija, il-pellegrini jibdew jaslu minn kmieni fil-għodu (anki bil-mixi) u jibqgħu ġejjin sa tard bil-lejl. Nista' nsemmi wkoll il-velja ta' Santa Marija li ilha ssir għal dawn l-aħħar ħdax-il sena. Din issir fuq iz-zuntier tas-Santwarju u għaliha jattendu mijiet ta' nsara. Hawnhekk nixtieq nagħmel osservazzjoni li tgħodd għad-devoti kollha tal-Madonna. Il-Madonna tixtieq twassalna għand Ġesù. Għadu validu l-kliem li qalet Marija lill-qaddejja li kienu jservu fit-tieġ ta' Kana: "Agħmlu dak li jgħidilkom Hu!" Importanti għalhekk li d-devozzjoni lejn il-Verġni Marija tkun akkumpanjata minn ħajja nisranija vera u awtentika. Ma nistgħux inkunu tassew devoti ta Marija jekk ma ngħixux il-vanġelu fid-dettalji tiegħu. Minħabba f'hekk, il-motto li għażilna għal dawn il-festi li qegħdin niċċelebraw huwa: "Ejja...fi











ħdan Marija ssib lil Ġesù!" Għawdxin, Maltin u anki barranin iġibulna minn dawn l-*ex voto* biex inpoġġuhom ma' dawk li diġà hemm. Hawn nixtieq nagħmel żewġ osservazzjonijiet: l-ewwelnett, il-pellegrin li jiġi jżur is-Santwarju tagħna m'għandux jibda billi jmur jara dawn l-*ex voto*, x'aktarx imqanqal mill-kurżità. Forsi l-aħjar ħaġa li għandu jagħmel hi li qabel xejn iżur lil Ġesù Ewkaristija, iqim lill-Madonna b'xi talb li jaf hu u mbagħad jekk irid, imur jara l-*ex voto*. It-tieninett nixtieq ngħid li l-akbar mirakli li jsiru bl-interċessjoni tal-Madonna huma l-konverżjonijiet li jseħħu fis-skiet u mingħajr daqq ta' trombi, speċjalment waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament tal-qrar.

### Is-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu waslet lil hinn minn xtutna. X' tifsira tagħti lil dan il-fatt?

Naħseb li t-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu barra minn xtutna ġej prinċipalment mit-turisti li jiġu jżuruna. Dawn jieħu lura magħhom f' pajjiżhom il-memorja ta' dan is-Santwarju. Nattribwixxi wkoll id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu f'pajjiżi oħra minħabba l-fattur ta' l-emigrazzjoni. Kien hemm żmien meta ħafna Maltin u Għawdxin siefru lejn l-Awstralja, lejn l-Amerika, lejn l-Ingilterra, len il-Canada...Dawn baqgħu jgħożżu d-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu, jitolbuha u jikkomunikaw magħna. Irrid insemmi wkoll il-ħidma ta' Mons Beneditt Camilleri li dam rettur ta' dan is-Santwarju għal ħafna snin. Hu kien strumentali biex id-devozzjoni lejn il-Madonna Ta' Pinu tixtered f' diversi pajjiżi, fosthom l-Awstralja, l-Amerika u l-Albanija. Dan ifisser għalija li l-messaġġ attwali tal-Madonna Ta' Pinu mhuwiex biss għalina l-Maltin u l-Għawdxin imma għal bnedmin oħra madwar id-dinja...fil-fond ta' qalbhom; il-bnedmin kollha għandhom l-istess mistoqsijiet, l-istess diffikultajiet, l-istess problemi!

### F'diversi lokalitajiet Marjani fl-Ewropa, in-negozju ħa l-opportunita' tad-devozzjoni lejn il-Madonna u resaq qrib wisq tal-lok sagru. Taħseb, Dun Gerard, li Ta' Pinu jista' jinħeles minn dan it-tinġiż?

Fuq dan il-punt nixtieq nikkwotalek dak li jgħid id-Direttorju dwar il-Pjetà Popolari u l-Liturġija li kien ippublikat fl-2002 mill-Kongregazzjoni għall-Kult Divin u d-Dixxiplina tas-Sagramenti. Dan id-Dokument jgħid hekk: "Sa mill-antik, il-pellegrin dejjem xtaq jieħu lura miegħu xi tifkiriet mis-Santwarju li jkun żar. Importanti li l-oġġetti, ix-xbihat u l-kotba tifkira tas-Santwarju jkunu jirriflettu l-ispirtu awtentiku tal-post sagru...il-bejgħ ta' dawn it-tifkiriet ma jridx jagħti impressjoni ta' qliegħ ta' flus." (*n. 287*) S'issa, dan it-tinġis li semmejtli ma naħsibx li jeżisti f'Ta' Pinu.

### Liema proġetti ġodda hemm għall-ġejjieni, kemm mill-att spiritwali kif ukoll minn dak ta' servizzi aħjar lill-pellegrini?

Proġetti hemm x'wieħed iwettaq, iżda sintendi dawn iridu ż-żmien u l-ħsieb biex ma nsemmux l-att finanzjarju li huwa tant meħtieġ. Ix-xewqa tagħna hija li nkomplu nirranġaw dak li għandna u noħolqu aktar possibiltà biex il-pellegrini jkunu jistgħu jagħmlu esperjenza ta' serħan fi ħdan il-Verġni Marija.

### Min iżur is-Santwarju, bla dubju josserva l-ġabra kbira ta' rikordji "ex voto". Din kienet devozzjoni ta' dari jew għadha fostna llum ukoll?

Kif qed tgħid int, għandna diversi kuruturi tas-Santwarju mimlijin b' dawk li jissejħu *ex voto*, jiġifieri kwadri, oġġetti u ritratti li jfakkru grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Sal-lum ħafna huma dawk il-persuni li jġibu dawn l-*ex voto*, li huma xhieda ta' l-imħabba materna tal-Verġni Marija. Jiena però spiss inħobb ngħid li dawn l-*ex voto* ma huma xejn ħdejn il-fejqan spirtwali li jsir fil-konfessjonarju jew fis-skiet tal-kappella tagħha. Nistqarr li din hija l-akbar prova li min jersaq bis-sinċerita' fi ħdan Marija, isib lil Ġesù. U din aqwa minn kull *ex voto*!

*(Ritratti taċ-ċelebrazzjonijiet f'dan is-suppliment bil-kortesija ta' John Cordina)*



